Minuti ta' l-Ewwel Laqgħa tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fis-Sala Komunitarja (Day Centre) tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 3 ta' April 2007 fis-6.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AGENDA

1. Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku u Vici Sindku.

1. Il-Laqgħa bdiet billi s-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk prezenti bil-provvediment ta' Art. 25 subartiklu (4) tat-Tielet Taqsima ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali li jghid li l-ewwel laqgħa ta' kull Kunsill għandha titmexxa mill-Kunsillier l-aktar anzjan. Żied ighid li fil-każ tal-Kunsill Lokali Luqa, il-Kunsillier l-aktar anzjan huwa s-Sur Joseph Scicluna. Għalhekk is-Sur Sciciluna ġie mistieden sabiex imexxi l-Ewwel Laqgħa tal-Ħames Kunsill għal-lokalita' ta' Ħal Luqa.

1. Wara li s-Sur Scicluna ħa post bħala Chairman tal-laqgħa, qara l-Agenda u għadda biex għarraf lill-Kunsillieri bil-provvediment ta' Art. 25 (1) ta' Taqsima Tlieta ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali fir-rigward tal-kariga ta' Sindku.

3. Is-Sur Scicluna qal li dan l-Artiklu jgħid li fil-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali għandu joqgħod dak il-Kunsillier elett li fl-aħħar elezzjoni lokali ta' dik il-lokalita' jkun kiseb l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li f'dawk l-elezzjonijiet ikun kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri ta' dak il-Kunsill.

3.i Żied igħid li peress li uffiċjalment jirriżulta li s-Sur John Schembri huwa l-Kunsillier li kiseb l-akbar ammont ta' voti fl-Ewwel Għadd, skond id-dispożizzjonijiet tal-Liġi, is-Sur Schembri għandu jokkupa l-karig ta' Sindku tal-Kunsill Lokali Luqa. Ic-Chairman talab lis-Sur Schembri jiddikjara jekk huwiex lest li jokkupa din il-kariga.

3.ii Wara li s-Sur John Schembri ddikjara li lest li jaċċetta l-kariga, huwa ffirma d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni u ġie maħtur Sindku tal-ħames Kunsill Lokali Luqa. Wara għadda biex ħa postu bħala Chairman u jkompli jmexxi l-laqgħa.

4. Is-Sindku John Schembri kompla jipproċedi bl-istess mod għall-kariga ta' Viċi Sindku u kkwota l-provvedimenti ta' Art. 25 para. 2 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali. Qal li fil-kariga ta' Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali għandu joqgħod dak il-Kunsillier elett li fl-aħħar elezzjoni ta' dik il-lokalita' jkun kiseb it-tieni l-aktar għadd ta' voti ma' l-Ewwel Għadd minn fost il-Kandidati tal-partit politiku li f'dawk l-elezzjonijiet ikun kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri ta' dak il-Kunsill.

LUQA

4.i Kompla jgħid li peress li uffiċjalment jirriżulta li s-Sur Joseph Scicluna huwa l-Kunsillier li kiseb it-tieni l-akbar għadd ta' voti fl-Ewwel Għadd minn fost il-Kunsillieri tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta, skond id-dispożizzjoni tal-Liġi s-Sur Joseph Scicluna għandu jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku.

4.ii Hawnhekk is-Sindku John Schembri talab lis-Sur Sciciluna jiddikjara jekk huwiex lest li jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku. Wara dikjarazzjoni fl-affermattiv u wara li ffirma d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-kariga, is-Sur Joseph Scicluna ġie maħtur Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali Luqa.

- Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30 p.m. u ġiet segwita bl-għoti tal-ġurament tal-ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku rispettivament b'ċerimonja amministrata minn Dr. Francesco Depasquale.

Konfermati llum 3 ta' Mejju 2007.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |